MT

KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 9.12.2009
KUMM(2009)673 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

MT MT

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hekk kif irriżulta mit-Trattat iffirmat f'Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007[1] (minn hawn 'il quddiem, "it-Trattat il-Ġdid"), jippermetti lil-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissumplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. L-atti legali li jiġu adottati b'dan il-mod mill-Kummissjoni huma, skont it-terminoloġija miżmuma mit-Trattat il-Ġdid, "atti delegati" (Artikolu 290(3)).

Din id-dispożizzjoni ma tirrekjedi l-adozzjoni ta' ebda att legali li jorbot ta' leġiżlazzjoni sekondarja biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tiegħu; hija suffiċjenti waħedha u fiha l-elementi kollha li l-leġiżlatur għandu bżonn biex jiddefinixxi, skont il-każ, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kontenut u l-modalitajiet ta' delega ta' setgħa. Il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu li huwa utli u neċessarju li jiġi determinat il-qafas ġenerali li fih dawn id-delegazzjonijiet ta' setgħat jistgħu jsiru. Il-Parlament Ewropew, filwaqt li enfasizza li din il-miżura għandha tippreserva l-libertà tal-leġiżlatur, wasal għal konklużjoni simili u ppropona li l-istituzzjonijiet joħolqu formola standard għad-delegazzjonijiet, li tiġi mdaħħla regolarment mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-att leġiżlattiv innifsu[2].

Fil-fatt, mingħajr preġudizzju għal-libertà li għandhom il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-istabbiliment tal-limiti u l-kundizzjonijiet ta' delega ta' setgħa fil-mument tal-adozzjoni ta' att leġiżlattiv, il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, kif ukoll il-progress bla xkiel tal-proċess interistituzzjonali, jiffavorixxu strateġija koordinata u koerenti. Il-Kummissjoni, inkarigata li tħejji u tadotta l-atti delegati, bħall-Parlament Ewropew u l-Kunsill, inkarigati li jikkontrollawhom, għandhom jiffavorixxu t-twaqqif ta' sistema uniformi u previdibbli kemm jista' jkun.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tesponi l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti delegati, dwar il-mod kif għandhom jiġu inklużi d-delegi ta' setgħat, il-metodi ta' ħidma li l-Kummissjoni bi ħsieba ssegwi għat-tħejjija tal-adozzjoni tal-atti delegati kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom il-leġiżlatur ikun jista' jeżerċita kontroll fuq l-eżerċizzju tal-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni.

2. L-AMBITU TAL-ATTI DELEGATI

Biex jiġu segwiti l-limiti tal-ambitu ta' applikazzjoni tal-Artikolu 290, mhuwiex suffiċjenti li jiġu analizzati bir-reqqa t-termini magħżula mill-awturi tat-Trattat il-Ġdid għad-definizzjoni

1 ĠU C 306 tas-17.12.2007.

2 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-irwol u r-responsabilitajiet ġodda tal-Parlament fl-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona.

tal-atti delegati, iżda d-dispożizzjoni għandha tiġi studjata fil-kuntest tagħha, billi jiġu studjati b'mod partikolari r-relazzjonijiet storiċi li għandha mal-proċedura regolatorja bi skrutinju u r-rabtiet tagħha mal-Artikolu 291, fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni. Fil-fatt il-qafas legali għandu jinbena madwar iż-żewġ Artikoli 290 u 291 biex tiġi sostitwita s-sistema ta' komitoloġija mwaqqfa taħt it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

Delega ta' setgħa, skont it-tifsira tal-Artikolu 290, mhijiex prevista ħlief f'att leġiżlattiv. Madankollu, ftit tagħmel differenza li dan l-att leġiżlattiv ikun ġie adottat jew le b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Fil-fatt l-Artikolu 290 ma jistabilixxi l-ebda distinzjoni bejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (li qabel kienet il-kodeċiżjoni) u l-proċeduri leġiżlattivi speċjali.

2.1. Relazzjonijiet mal-proċedura regolatorja bi skrutinju (minn hawn 'il quddiem, "PRAC")

Id-definizzjoni tal-atti delegati, skont l-Artikolu 290(1) hija mil-lat strettament ta' kitba simili ħafna ta' dik tal-atti li, fid-Deċiżjoni 1999/468/KE[3] (id-deċiżjoni komitoloġija), huma suġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju introdotta fis-17 ta' Lulju 2006 permezz tad-Deċiżjoni 2006/512/KE[4]. Fiż-żewġ każijiet, fil-fatt, l-atti kkonċernati għandhom ambitu ġenerali u huma mmirati biex jemendaw jew biex jikkompletaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv.

Madankollu s-similitudni tal-kriterji ma tfissirx li se jiġu implimentati b'mod identiku; f'kuntest istituzzjonali ġdid, il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti delegati mhux se jkun neċessarjament identiku għal dak tal-PRAC. Għandha tiġi evitata kull riproduzzjoni awtomatika tal-preċedenti.

2.2. Relazzjonijiet mal-atti ta' implimentazzjoni

Qabel ma tiġi eżaminata b'mod indipendenti, l-idea ta' att delegat għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' att ta' implimentazzjoni, li huwa s-suġġett tal-Artikolu 291.

Huwa ċar li, l-ewwel nett, l-istess att ma jistgħax jiġi kklassifikat taħt żewġ intestaturi. Att li huwa bbażat fuq l-Artikolu 290 huwa b'definizzjoni ekluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 291, u viċe versa. Huwa evidenti li ż-żewġ artikoli tat-Trattat il-Ġdid inkitbu mill-awturi biex ikunu jeskludu wieħed lill-ieħor. L-atti li rriżultaw għandhom denominazzjonijiet ġuridiki differenti.

It-tieni, ta' min jinnota li l-awturi tat-Trattat il-Ġdid ma ħolqux l-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi taż-żewġ artikoli mill-istess bażi. L-idea ta' att delegat hija definita fl-ambitu tagħha u l-effetti tagħha – att ta' ambitu ġenerali li jikkompleta jew jemenda elementi mhux essenzjali – filwaqt li dik ta' att ta' implimentazzjoni, li qatt ma ġiet deskritta, tirriżulta mir-raġuni tagħha – teħtieġ kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni. Din id-differenza tispjega ruħha bin-natura u l-ambitu differenti ħafna tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni għal kull waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.

---

[3] ĠU L 184 tas-17.7.1999, p. 23. Verżjoni kkonsolidata, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, ippubblikata fil-ĠU C 255 tal-21.10.2006, p. 4.

[4] ĠU L 200 tat-22.7.2006, p. 11.

Meta tirċievi s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290, il-Kummissjoni hija awtorizzata li tikkompleta jew temenda l-ħidma tal-leġiżlatur. Din id-delega hija dejjem fakultattiva: il-leġiżlatur jiddelega s-setgħat tiegħu lill-Kummissjoni fl-interess tal-effiċjenza. Fis-sistema mwaqqfa permezz tal-Artikolu 291, il-Kummissjoni ma teżerċita l-ebda setgħat "*quasi* leġiżlattivi"; is-setgħa tagħha hija purament eżekuttiva. L-Istati Membri huma naturalment inkarigati bl-implimentazzjoni tal-atti legali li jorbtu fl-Unjoni, iżda, minħabba li huwa neċessarju li dan isir taħt kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni uniformi, il-Kummissjoni għandha teżerċita s-setgħa eżekuttiva. L-intervenzjoni tagħha mhijiex fakultattiva, hija obbligatorja meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 291.

Fl-aħħarnett, ta' min jenfasizza li l-ambitu ġenerali tal-atti adottati mill-Kummissjoni mhuwiex fih innifsu suffiċjenti biex issir l-applikazzjoni tas-sistema legali tal-atti delegati, minflok dik tal-atti ta' implimentazzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 291 jippermetti wkoll lill-Kummissjoni li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni ta' ambitu ġenerali. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi ta' att legali li jorbot fl-Unjoni, il-Kummissjoni tkun tista' fil-fatt tagħmel rikors, kemm għal miżuri individwali, kif ukoll għal atti ta' ambitu ġenerali. Min-naħa l-oħra, jirriżulta b'mod ċar mit-termini tal-Artikolu 290 li l-Kummissjoni m'hi qatt se jkollha dritt li tadotta att delegat relatat ma' miżura ta' natura individwali.

2.3. Kriterji tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 290

Huwa l-leġiżlatur u l-leġiżlatur biss li jista' japplika l-kriterji definiti fl-Artikolu 290, billi huwa speċifikat li dawn il-kriterji huma kumulattivi: mhux biss l-att għandu jkollu ambitu ġenerali, iżda wkoll għandu jemenda jew jikkompleta ċerti elementi mhux essenzjali tal-istrument leġiżlattiv. L-assenza ta' waħda minn dawn il-kundizzjonijiet teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 290.

Mhuwiex fl-intenzjonijiet tal-Kummissjoni li tagħti interpretazzjoni astratta ta' dawn il-kriterji; il-firxa wiesgħa ta' miżuri previdibbli f'sitwazzjoni speċifika tipprojbixxi minn qabel kull attentat ta' klassifika. Madankollu l-Kummissjoni tixtieq tagħmel żewġ kummenti.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni tqis li bl-użu tal-verb "emenda", l-awturi tat-Trattat il-Ġdid riedu jkopru l-possibbiltajiet kollha li fihom il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda formalment att ta' bażi. Din l-emenda formali tista' taffettwa t-test ta' wieħed jew iktar artikoli tal-istrument, jew it-test ta' anness, li legalment huwa parti mill-istrument leġiżlattiv. Ftit jimporta li l-anness ikun fih dispożizzjonijiet purament tekniċi; hekk kif il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda anness li jkun fih miżuri ta' ambitu ġenerali, is-sistema tal-atti delegati għandha tirċievi l-applikazzjoni.

It-tieni, il-Kummissjoni bi ħsiebha tenfasizza l-importanza li għandha tingħata lill-verb "ikkompleta", li s-sens u l-ambitu tiegħu huma inqas espliċiti minn dawk tal-verb "emenda".

Il-Kummissjoni tqies li sabiex jiġi determinat jekk miżura "tikkompletax" l-att ta' bażi, il-leġiżlatur ikollu jevalwa jekk il-miżura futura żżidx konkretament standards ġodda mhux essenzjali li jbiddlu l-qafas tal-att leġiżlattiv, billi jħallu marġini ta' interpretazzjoni għall-Kummissjoni. Jekk dan ikun il-każ, jista' jiġi kkunsidrat li l-miżura "tikkompleta" l-att ta' bażi. Jekk mhux il-każ, il-miżuri li mhumiex immirati ħlief biex jagħtu effett lir-regoli eżistenti tal-att ta' bażi m'għandomx ikunu kkunsidrati bħala miżuri kumplimentari.

Il-leġiżlatur huwa intitolat li jirregola b'mod sħiħ u komprensiv qasam ta' azzjoni, billi jagħti lill-Kummissjoni r-responsabbiltà li tiżgura l-implimentazzjoni armonizzata, billi tieħu atti ta'

implimentazzjoni; bl-istess mod, il-leġiżlatur jista' jagħżel li ma jirregolamentax ħlief parzjalment il-qasam kkonċernat, billi jħalli r-responsabbiltà li tikkompleta r-regolamentazzjoni permezz ta' atti delegati lill-Kummissjoni.

3. Il-qafas ta' delega ta' setgħa

Hekk kif il-leġiżlatur jagħti s-setgħat lill-Kummissjoni, hija r-responsabbiltà tiegħu li jiddefinixxi l-qafas tal-eżerċizzju ta' kull att leġiżlattiv. L-Artikolu 290(1), it-tieni subparagrafu tat-Trattat il-Ġdid jimponi lill-leġiżlatur li jiddefinixxi speċifikament l-għanijiet, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u d-dewmien tad-delega ta' setgħa. Għandu jiddefinixxi wkoll żewġ tipi ta' limiti għad-delega ta' setgħa: limiti sostanzjali u limiti ta' ħin.

3.1. Limiti sostanzjali

Id-delega ta' setgħa għandha tkun ċara, preċiża u dettaljata. Il-leġiżlatur jiddetermina l-għanijiet li l-adozzjoni tal-atti delegati għandha tippermetti li jintlaħqu kif ukoll, fejn xieraq, il-limiti ta' dawn l-atti.

B'dan il-mod, bl-ipoteżi li l-leġiżlatur jixtieq jagħti lill-Kummissjoni is-setgħa li temenda l-anness ta' regolament, għandu, pereżempju, jispeċifika li l-Kummissjoni tista', permezz ta' att delegat, temenda dan l-anness, kollu jew parti minnu, meta jkunu validi ċerti ċirkostanzi – twettiq ta' progressi xjentifiċi jew tekniċi, avveniment partikolari jew meta jkun għadda ċertu żmien, eċċ. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tkun tista' tistabilixxi limiti fil-qafas ta' din l-emenda ta' anness; jekk l-anness jirrigwarda pereżempju l-istabbiliment ta' valuri kwantitattivi, il-Kummissjoni tista' tiġi obbligata mil-leġiżlatur li ma taqbiżx ċerti limiti.

3.2. Limiti ta' ħin

L-Artikolu 290 jistipula li d-dewmien ta' delega ta' setgħa hija stabbilita mil-leġiżlatur. Il-Kummissjoni tqies li sanzjoni ta' dan it-tip ma tagħtix il-prattika ta' klawżoli ta' estinzjoni (sunset clauses) li, jekk imdaħħla f'att leġiżlattiv, jinvolvu t-tmiem awtomatiku tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni, li jobbligawha, fil-prattika, li tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida ladarba jkun skada ż-żmien impost mil-leġiżlatur. L-Artikolu 290 jeżiġi qabel kolllox li s-setgħat delegati jkunu stabbiliti f'qafas ċar u previdibbli; iżda ma jimponix li l-Kummissjoni tingħata limiti ta' żmien issikkati wisq. Il-leġiżlatur għandu jkun jista' jibbalanċja sew bejn il-ħtieġa li s-setgħat delegati jkunu stabbiliti f'qafas u l-ħtieġa li tiġi garantita l-kontinwità tal-adozzjoni tal-atti legali essenzjali għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. Li l-Kummissjoni tiġi sfurzata, f'intervalli regolari, tippreżenta proposti leġiżlattivi ġodda biex tikseb it-tiġdid ta' delega ta' setgħa, imur kontra l-għanijiet ta' effiċjenza u ħeffa li jiġġustifikaw preċiżament ir-rikors għall-atti delegati.

Il-Kummissjoni tqies li huwa preferibbli li x-xogħol tal-istituzzjonijiet ma jitqalx iktar minħabba l-implimentazzjoni ta' sistema ta' delegi ta' qasir żmien. Għalhekk id-delegi ta' setgħat għandhom fil-prinċipju jkunu ta' żmien indeterminat. Din il-prattika tkun perfettament koerenti mas-sitwazzjoni attwali. L-esperjenza fil-fatt turi li l-leġiżlatur ma jixtieqx, bħala regola ġenerali, jillimita fiż-żmien is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni, minkejja li jagħtija r-responsabbiltà li tieħu miżuri ta' natura *quasi* leġiżlattiva.

Iżda dan ma jfissirx li d-delegi ta' setgħa għandhom ikunu fissi. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li f'applikazzjoni tal-paragrafu 2, punt a) tal-Artikolu 290, il-leġiżlatur għandu l-possibbiltà li jintroduċi fl-att ta' bażi l-fakultà ta' revoka tad-delega ta' setgħa. Legalment,

revoka għandha effetti identiċi ta' dawk ta' klawżola ta' estinzjoni; it-tnejn li huma jtemmu s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha, jekk ikun utli u meħtieġ, tippreżenta proposta leġiżlattiva oħra. Fi kliem ieħor, jekk f'ċerti oqsma l-leġiżlatur iqis neċessarju li jiġi evitat li d-delega ta' setgħa ssir mandat perpetwu, jista' jingħata d-dritt ta' revoka, li tista' jkun iktar ħafifa biex tintuża minn klawżola ta' estinzjoni awtomatika.

Dan ma jfissirx li r-revoka, fiha nnifisha, tista' tiġi interpretata biss bħala "sostitut" tal-klawżoli ta' estinzjoni. Kif se jiġi spjegat iktar 'l isfel (ara l-punt 5.2), ir-revoka jista' jkollha skopijiet oħra. Iżda għandu jiġi enfasizzat li b'din il-prerogattiva l-leġiżlatur għandu mekkaniżmu li l-effett utli tiegħu jista' jitqabbel ma dak ta' klawżola ta' estinzjoni.

Madankollu, f'każijiet partikolari, jista' jkun xieraq li l-leġiżlatur jistabilixxi skadenza preċiża tad-delega ta' setgħa. F'dawn il-każijiet, u sabiex l-istituzzjonijiet ma jkunux obbligati li jirrikorru għal-leġiżlazzjoni biex iġeddu d-delega ta' setgħa, jaqbel li jitwaqqaf mekkaniżmu għal tiġdid taċitu, ibbażat fuq rapport imħejji mill-Kummissjoni, naturalment taħt riżerva li l-leġiżlatur ikollu l-fakultà li jwaqqaf dan it-tiġdid awtomatiku.

4. PROĊESS TAL-ADOZZJONI TAL-ATTI DELEGATI

4.1. L-Awtonomija tal-Kummissjoni

L-Artikolu 290 ma fih l-ebda dispożizzjoni li tirreferi direttament jew indirettament għall-proċess ta' adozzjoni tal-atti delegati. Bħala delegatarja tas-setgħat li ngħatawlha mil-leġiżlatur, il-Kummissjoni tadotta l-atti li huma neċessarji biex jintlaħqu l-għanijiet assenjati mill-att ta' bażi.

L-Artikolu 290(1) dwar il-qafas ta' delegazzjoni ta' setgħa, jobbliga lill-Kummissjoni tirrispetta l-limiti sostanzjali u temporali tad-delega, li huma, f'ċertu sens, il-korp tal-mandat mogħti mil-leġiżlatur. Għalhekk dan l-ewwel paragrafu għandu impatt minn kmieni, qabel ma l-Kummissjoni tkun bdiet it-tħejjija ta' att delegat.

Fir-rigward tal-Artikolu 290(2), iddedikat għall-kontroll li jista' jeżerċita l-leġiżlatur, japplika fi stadju iktar tard, wara li l-mandat ikun ġie eżegwit, billi jaġixxi jew fuq id-delega nnifisha, li tista' tiġi revokata jekk il-leġiżlatur iqis li hija użata mhux kif suppost, jew fuq l-atti delegati, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' oġġezzjonijiet ladarba jkunu ġew adottati, biex b'hekk jiġi pprojbit id-dħul fis-seħħ tagħhom.

Min-naħa l-oħra l-ebda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma jinterferixxu fuq il-proċess li bih il-Kummissjoni tadotta att delegat. Dan ifisser li l-Kummissjoni hawnhekk għandha awtonomija kbira.

4.2. Ħidma ta’ tħejjija għall-adozzjoni tal-atti delegati

Il-Kummissjoni bi ħsiebha twettaq fil-fond il-ħidma ta’ tħejjija li tqis neċessarju biex tiggarantixxi, minn naħa, li mil-lat tekniku u ġuridiku l-atti delegati jkunu kif stabbiliti mill-għanijiet tal-att ta' bażi, u min-naħa l-oħra, li mil-lat politiku u istituzzjonali l-elementi kollha jkunu miġbura flimkien biex jiġi evitat li jsiru oġġezzjonijiet mill-Parlament u l-Kunsill.

Bl-eċċezzjoni tal-ipoteżijiet li fihom dan ix-xogħol ta' tħejjija ma jirrekjedi l-ebda esperjenza ġdida, il-Kummissjoni bi ħsiebha tikkonsulta b'mod sistematiku l-esperti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri kollha li se jkunu nkarigati bl-implimentazzjoni tal-atti delegati

ladarba dawn jiġu adottati. Din il-konsultazzjoni ssir fi żmien xieraq, sabiex l-esperti jingħataw l-opportunità li jipprovdu lill-Kummissjoni kontribut utli u effiċjenti. B'dan il-għan, il-Kummissjoni tkun tista' tgħaqqad gruppi ta' esperti[5] jew ikollha rikors għall-gruppi eżistenti.

Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira għal dawn ix-xogħlijiet li jippermettu li jiġi stabbilit fuq il-pjan tekniku kooperazzjoni effiċjenti mal-esperti tal-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu jaqbel li jiġi speċifikat li l-esperti se jkollhom rwol konsultattiv u mhux rwol istituzzjonali fil-qafas tal-proċess ta' deċiżjoni. Wara l-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-esperti bil-konklużjonijiet li hi tqis għandhom jittieħdu mit-taħdidiet, ir-reazzjonijiet preliminarji u l-mod kif bi ħsiebha tipproċedi.

Fil-qasam speċifiku tas-servizzi finanzjarji, il-Kummissjoni hija impenjata biex tkompli tikkonsulta l-esperti maħtura mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-abbozzi tal-atti delegati, b'mod konformi mal-prattika kostanti tagħha (ara d-dikjarazzjoni Nru 39 annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Liżbona[6]).

Barra minn hekk, u meta dan ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tipproċedi għall-istudji, analiżi, verifiki u konsultazzjonijiet kollha utli, dwar il-forom l-iktar adattati għall-oqsma kkonċernati u għad-dewmien stipulat.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni bi ħsiebha twaqqaf sistema ta' allarm bikri, sabiex tippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jippjanaw aħjar l-eżerċizzju tal-prerogativi tagħhom fi żmien xahrejn wara l-adozzjoni tal-atti delegati, dewmien li jista' jiġġedded b'xahar fuq talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill (ara l-punt 5.3.1). Fil-każ ta' dossiers sensittivi, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li tagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni addizzjonali dwar l-atti delegati li bi ħsiebha tadotta.

5. VERIFIKA TAL-ATTI DELEGATI

5.1. Kunsiderazzjonijiet Ġenerali

L-Artikolu 290(2) tat-Trattat il-ġdid jiddetermina ż-żewġ kundizzjonijiet li fihom il-leġiżlatur jista' jippreżenta d-delega ta' setgħa: id-dritt ta' revoka, min-naħa waħda, id-dritt ta' espressjoni tal-oġġezzjonijiet, jiġifieri d-dritt ta' oġġezzjoni, min-naħa l-oħra. Meta l-oġġezzjoni tkun ċensura speċifika indirizzata lejn att delegat identifikat b'mod ċar, ir-revoka twaqqaf b'mod ġenerali u assolut lill-Kummissjoni mis-setgħat delegati tagħha. Għalhekk l-oġġezzjoni għandha titqies bħala l-mezz ta' kontroll komuni li l-leġiżlatur jeżerċita fuq l-atti delegati kollha, filwaqt li r-revoka tidher bħala miżura iktar eċċezzjonali, motivata pereżempju minn fatturi li jistgħu jimminaw il-bażi tad-delega ta' setgħa.

Il-leġiżlatur mhuwiex obbligat li jimponi b'mod kumulattiv dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, li huma indipendenti waħda mill-oħra. Għalhekk il-leġiżlatur ikun jista' jikkunsidra li mhuwiex dejjem neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà ta' revoka ta' delega ta' setgħa, sakemm din il-prerogattiva, fil-każ ta' att adottat permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jagħti lil wieħed miż-żewġ fergħat tal-leġiżlazzjoni s-setgħa unilaterali li jagħmlu inoperattiva

---

5 Bl-istess mod għall-gruppi ta' esperti, l-informazzjoni relevanti rigward il-gruppi li ġew iffurmati b'dan il-mod se jkunu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tar-reġistru tal-gruppi ta' esperti.

6 ĠU C 115 tad-9.5.2008, p. 350.

dispożizzjoni adottata b'mod konġunt. Bl-istess mod, jista' jirriżulta li d-dritt ta' oġġezzjoni jkun diffiċli jintuża, b'mod partikolari meta l-leġiżlatur jixtieq jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati fiż-żmien qasir u ħin partikolarment limitat (ara l-punti 5.2 u 5.3.1).

Biex jeżerċita wieħed jew l-ieħor mis-setgħat ta' kontroll li huma magħrufa mit-Trattat, il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi skont il-vot tal-maġġoranza tal-membri li jiffurmawh, u l-Kunsill bil-maġġoranza kwalifikata, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 290(2).

5.2. Dritt ta' revoka

Id-dritt ta' revoka jista' b'mod partikolari jintuża fil-każijiet fejn il-leġiżlatur jixtieq ikollu l-fakultà li jerġa jkompli, f'kull mument, is-setgħat li ta lill-Kummissjoni, sabiex jittieħdu in kunsiderazzjoni ċirkostanzi ġodda li jistgħu jiġġustifikaw intervent leġiżlattiv.

Il-leġiżlatur jista' wkoll ikollu dritt ta' revoka meta jqis inutli jew mhux xieraq li jkollu dritt ta' oġġezzjoni. Dan jista' jkun partikolarment il-każ meta l-Kummissjoni hija obbligata li tadotta atti delegati billi tiġi sottomessa għal limiti ta' ħin inkompatibbli mal-eżerċizzju ta' dritt ta' oġġezzjoni mil-leġiżlatur. Meta ma jkunx possibbli l-leġiżlatur jeżerċita kontroll fuq kull att adottat, minħabba li huma tant numerużi, il-leġiżlatur għandu jżomm kontroll globali tad-delega ta' setgħa permezz tad-dritt għal revoka.

Meta dan ikun ipprovdut mill-att leġiżlattiv, l-eżerċizzju tad-dritt għal revoka għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ta' għoti ta' raġunijiet u minn skambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet. Il-konsegwenzi legali wkoll għandhom jiġu speċifikati bil-quddiem.

Ikun xieraq li l-istituzzjoni li tixtieq tirtira l-fiduċja tagħha lill-Kummissjoni tispjega r-raġunijiet. Dan se jkun utli għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett dan għandu jippermetti lill-Istituzzjoni li ma teżerċitax id-dritt ta' revoka biex tifhem ir-raġunijiet għalfejn l-istituzzjoni l-oħra ddeċidiet li temenda unilateralment l-att ta' bażi. Dan għandu jkollu wkoll l-effett ta' prevenzjoni ta' rikorriment għal revoka: fl-ispjegazzjoni tar-raġunijiet tad-deċiżjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill għandu jindika b'mod ċar lill-Kummissjoni dak li jaqbel tagħmel jew ma tagħmilx biex fil-futur tevita revoki oħra.

L-istituzzjoni li bi ħsiebha tipproċedi għal revoka għandha tinforma bl-intenzjoni tagħha mhux biss lill-Kummissjoni, iżda wkoll lill-istituzzjoni li ma teżerċitax id-dritt għal revoka. Dan għandu jippermetti li jitwaqqaf djalogu interistituzzjonali, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ta' revoka. B'żieda ma' dan, jaqbel li l-istituzzjoni li tieħu l-inizjattiva tar-revoka tindika speċifikament is-setgħat delegati li għalihom hija mitluba r-revoka. Fil-fatt għandha tiġi prevista l-ipoteżi li fiha l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill bi ħsiebu jirrevoka biss parti mis-setgħat li jkunu delegati lill-Kummissjoni. Fi kliem ieħor, revoka parzjali għandha tkun possibbli.

Fl-aħħar nett, l-effetti tar-revoka għandhom ikunu finalment previsti espliċitament fl-att ta' bażi. Jista' jiġi speċifikat b'dan il-mod li d-deċiżjoni ta' revoka twaqqaf id-delega ta' setgħa billi tindirizza speċifikament il-kompetenzi delegati li huma revokati, iżda li ma taffettwax l-atti delegati li huma diġà fis-seħħ.

5.3. Dritt għal oġġezzjoni

Meta jkun hemm dispożizzjoni dwaru fl-att leġiżlattiv, id-dritt għal oġġezzjoni għandu jwieġeb ċerti eżiġenzi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita: Wara li jiġi adottat att

delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lil-leġiżlatur – fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-każijiet fejn l-att ta' bażi huwa rregolat mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Id-dritt ta' oġġezzjoni jiġi applikat u jaħdem bħala kundizzjoni ta' sospensjoni: id-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni se jiġi sospiż għal perjodu ta' żmien stabbilit mill-att leġiżlattiv li fih il-leġiżlatur ikollu d-dritt li joġġezzjona.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex l-atti delegati jiġu ppubblikati kif jiġu adottati.

5.3.1. Il-limiti ta' żmien

Il-limitu ta' żmien li għandu l-leġiżlatur biex jeżamina l-att delegat għandu jiġi stabbilit fl-att ta' bażi. Il-leġiżlatur jista' jiddetermina d-dewmien li jqis meħtieġ skont il-każ. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li jaqbel li jiġi evitat li jiġu stabbiliti limiti temporali totalment differenti fl-oqsma differenti kkonċernati, ħlief jekk dan huwa ġġustifikat bi sħiħ fir-rigward tal-emerġenza tal-miżuri li għandhom jittieħdu – fil-każ dan jirrekjedi limiti ta' żmien iktar qosra – jew, bil-kontra, minħabba kumplessità estrema tal-atti li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tadotta – il-fakultà li jiġi estiż iż-żmien ta' eżami.

Il-limitu ta' żmien ta' oġġezzjoni għandu jibda jgħodd mit-trażmissjoni tal-att delegat mill-Kummissjoni, adottat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

L-esperjenza miksuba mal-PRAC turi li l-limitu ta' żmien ta' tliet xhur li huma previsti attwalment għall-eżerċitazzjoni tad-dritt ta' oġġezzjoni huwa iktar twil milli meħtieġ, minħabba li l-Parlament u l-Kunsill spiss jidentifikaw iktar malajr jekk l-att ikkonċernat huwiex suxxettibbli li jqajjem diffikultajiet. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-limitu ta' żmien ta' tliet xhur isir sempliċement dewmien ta' proċedura li ttawwal id-dħul fis-seħħ tal-att mingħajr valur miżjud reali.

Għalhekk, il-Kummissjoni hija favur sistema li fiha ż-żmien ta' oġġezzjoni jiġi stabbilit għal xahrejn, li tiġi awtomatikament imġedda b'xahar fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. B'dan il-mod il-mekkaniżmu jippermetti li tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri mingħajr xkiel għall-prinċipju ta' dewmien globali ta' tliet xhur. F'każijiet partikolari, fejn il-kumplessità jew is-sensibbiltà tal-kwistjonijiet li fuqhom qed tingħata d-delega lill-Kummissjoni jfissru li d-dewmien ta' xahrejn ma jkunx biżżejjed biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jeżerċitaw il-prerogattivi tagħhom, jista' jkun xieraq li jiġi previst dewmien stabbilit ta' tliet xhur.

Barra minn hekk, għandha tiġi prevista l-possibbiltà li ż-żewġ istituzzjonijiet jiddeċiedu li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni li ma joġġezzjonawx għall-att delegat saħansitra qabel ma jkun skada l-limitu ta' żmien legali, sabiex l-att jidħol fis-seħħ immedjatament.

Naturalment din il-formola standard mhijiex se tkun adattata għall-oqsma kollha ta' azzjoni. Ċerti politiki jeżiġu li l-Kummissjoni taġixxi malajr ħafna, anke f'każijiet li mhumiex ta' emerġenza. F'każijiet bħal dawn, il-leġiżlatur jista' jkun mistieden inaqqas b'mod konsiderevoli d-dewmien tal-limitu tal-kontroll, jew ineħħih, jekk għandu dritt għal revoka (ara 5.2 hawn fuq).

5.3.2. Raġunijiet

L-Artikolu 290 TFUE ma jelenkax ir-raġunijiet li fuqhom il-leġiżlatur jista' joġġezzjona għall-att delegat. Id-dritt li jesprimi oġġezzjonijiet, li għal-leġiżlatur huwa l-kontroll bi skrutinju dwar id-delega ta' setgħa, għandu għalhekk jaqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Madankollu, l-istituzzjoni li topponi għandha tispjega r-raġunijiet li jimmotivaw id-deċiżjoni tagħha. Dawn ir-raġunijiet għandhom jkunu spjegati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill jew fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li jifformalizza l-oġġezzjonijiet tagħhom. Din il-prattika għandha tevita lill-Kummissjoni li tkompli fit-triq li wasslet lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill li jagħmlu oġġezzjonijiet. Jekk, pereżempju, l-istituzzjoni li għamlet oġġezzjonijiet tispjega b'mod ċar li l-Kummissjoni eċċediet il-qafas ta' delega ta' setgħa, dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni li tirrikori jekk meħtieġ għall-mezz leġiżlattiv.

5.3.3. Effetti tal-oppożizzjoni

Att delegat li għalih il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill oġġezzjona ma jistax jidħol fis-seħħ. Imbagħad il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tadotta att delegat ġdid, emendat jekk meħtieġ biex jittieħdu in kunsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet li jkunu saru, jew li tippreżenta proposta leġiżlattiva konformi mat-trattati, fl-ipoteżi li l-oġġezzjonijiet ikunu bbażati fuq qabża tal-limiti tas-setgħat delegati. Huwa wkoll possibbli li l-Kummissjoni tirrinunzja għal kollox għal azzjoni.

5.3.4. Proċeduri ta' emerġenza

Il-Kummissjoni tqis li, f'ċerti ipoteżijiet, l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' att delegat sottomess għad-dritt ta' oġġezzjoni jistgħu jkunu partikolarment urġenti. Fil-qawwa tal-kriżi finanzjarja tal-ħarifa 2008, kien neċessarju li jiġu emendati malajr ċerti standards ta' kontabbiltà. Il-limiti ta' żmien tal-PRAC, li kienu applikabbli f'dan il-każ, kellhom jiġu mqassra b'mod sostanzjali sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun.

Għalhekk l-eżerċizzju normali tad-dritt ta' oġġezzjoni jista' jkun inkompatibbli mal-emerġenza tas-sitwazzjoni kkonċernata. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li huwa imporanti li titwaqqaf proċedura ta' emerġenza li l-użu tagħha jkun jista' jiġi previst mil-leġiżlatur.

Hemm bosta modi kif tista' tiġi organizzata din it-tip ta' proċedura. Waħda minnhom tikkonsisti fi tqassir għall-minimu strett tal-limitu ta' żmien tal-oġġezzjoni. B'dan il-mod, għal raġunijiet ta' emerġenza importanti, att delegat adottat mill-Kummissjoni jista' pereżempju jidħol fis-seħħ tmient ijiem wara li jkun ġie trażmess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din l-istrateġija għandha l-vantaġġ li hija sempliċi u li ma temendax ir-rotta proċedurali tradizzjonali. Madankollu, għandha r-riskju li tagħti dehra ta' illużjoni lid-dritt ta' oġġezzjoni tal-leġiżlatur, li fi żmien daqshekk limitat ikollu diffikultà biex jippreżenta oġġezzjonijiet.

Il-Kummissjoni tixtieq tissuġġerixxi strateġija alternattiva, li tippermettilha li tadotta, li ddaħħal fis-seħħ u li tapplika immedjatament att delegat, li jibqa' madankollu suġġett għad-dritt ta' oġġezzjoni. Dan l-att għandu jiġi notifikat mingħajr dewmien lill-leġiżlatur u japplika sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien li jista' jiġi stabbilit għal sitt ġimgħat. Fil-każ fejn jiġu ppreżentati oġġezzjonijiet, l-att delegat ma jibqax japplika.

6. KONKLUŻJONI

Din il-Komunikazzjoni tikkunsidra l-kuntatti esploratorji mas-servizzi tal-Parlament Ewropew u tat-taħdidiet li saru mal-Kunsill fil-ġimgħat qabel l-adozzjoni tagħha. Il-Kummissjoni tqis li din il-Komunikazzjoni għandha tippermetti lit-tliet istituzzjonijiet jorganizzaw bl-iktar mod armonizzat possibbli d-delegi ta' setgħat mogħtija fil-qafas tal-Artikolu 290 tat-Trattat il-Ġdid.

F'konformità mal-opinjonijiet espressi f'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tehmeż fl-anness mudelli tal-artikolu għall-atti leġiżlattivi futuri li jagħtuha s-setgħa li tadotta atti delegati.

ANNESS

Il-Mudelli

Dawn il-mudelli jistabbilixxu formolazzjoni standardizzata għall-artikoli ta' att ta' bażi li fih il-leġiżlatur jiddefinixxi l-limiti tad-delegazzjoni ta' setgħa u jistabilixxi l-kundizzjonijiet li fihom tiġi ppreżentata d-delega. Dawn il-mudelli ma jikkonċernawx l-atti delegati nnifishom. Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tikkjarifika minn issa li l-atti delegati jkun fihom premessi speċifiki li jispjegaw ir-raġuni tagħhom. L-atti delegati għandhom ikunu wkoll akkumpanjati minn spjegazzjoni tar-raġunijiet li turi f'iktar dettal is-sisien tal-atti u li tipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma ta' tħejjija li saret mill-Kummissjoni, skont il-każ.

Premessa

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat f'dak li jirrigwarda […].

Artikoli li jiddelegaw is-setgħat

(Wieħed jew iktar dispożizzjonijiet jiddelegaw setgħat lill-Kummissjoni fl-att ta' bażi, Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-għanijiet, il-kontenut u l-ambitu tas-setgħat delegati u jagħmlu referenza għall-Artikolu A).

Artikolu A

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-artikoli [*hawnhekk għandu jissemma l-artikolu jew l-artikoli li jiddelegaw is-setgħa*] hija mogħtija lill-Kummissjoni għal

   Għażla Nru 1

   tul indeterminat.

   Għażla Nru 2

   perjodu ta' [X] snin wara d-dħul fis-seħħ ta' […]. Il-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar is-setgħat delegati mhux iktar tard minn [X] xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' [X] snin. Id-delegazzjoni ta' setgħa tiġġedded awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokawha skont l-Artikolu B.

2. Mill-ewwel wara li tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati mogħti lill-Kummissjoni tingħata taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikoli [B] [u] [C]. [Meta jkun hemm raġunijiet importanti ta' urġenza, japplika l-Artikolu D.][7].

Artikolu B

Revoka ta' delega

1. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-artikoli [*hawnhekk jissemma' l-artikolu jew l-artikoli li jiddelegaw is-setgħat*] tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tibda proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk hijiex bi ħsiebha tirrevoka d-delega ta' setgħa għandha tinforma lil-leġiżlatur l-ieħor u lill-Kummissjoni, mhux iktar tard minn xahar qabel ma tieħu d-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett ta' revoka kif ukoll ir-raġunijiet għaliha.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'din id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri stipulata minnha. Din ma taffettwax il-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Artikolu C

Oġġezzjonijiet għall-atti delegati

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat

Għażla Nru 1

fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dan il-limitu ta' żmien jiżdied b'xahar.

Għażla Nru 2

fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika.

2. Jekk, meta jiskadi dan il-limitu ta' żmien, la l-Parlement Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, jew jekk, qabel din id-data, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx, l-att delegat jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fid-dispożizzjonijiet tiegħu.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat, dan tal-aħħar ma jidħolx fis-seħħ. L-istituzzjoni li tesprimi oġġezzjonijiet għall-att delegat għandha tispjega r-raġunijiet.

---

[7] Din l-aħħar frażi hija introdotta biss fl-atti ta' bażi li jipprevedu proċedura ta' emerġenza.

Artikolu D

Proċeduri ta' emerġenza[8]

1. Att delegat adottat skont il-proċedura ta' emerġenza jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien u japplika sakemm ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni b'mod konformi mal-paragrafu 2. In-notifika tal-att fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill tispjega r-raġunijiet li għalihom tkun saret il-proċedura ta' emerġenza.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, fi żmien [sitt ġimgħat] mid-data tan-notifika, joġġezzjonaw għall-att delegat. F'dan il-każ, l-att ma jibqax japplika. L-istituzzjoni li tesprimi oġġezzjonijiet għall-att delegat għandha tispjega r-raġunijiet.

---

[8] Id-dispożizzjonijiet li jirreferu għal dan l-artikolu jsemmu b'mod ċar ir-"raġunijiet importanti ta' emerġenza".